# Il-pittura

L-arti fl-armar li naraw fil-festi maltin tvarja minn injam, għal arti f'disinji tad-dwal, xogħol fil-ħadid, xogħol fi-drapp u pittura.

Il-pittura li naraw fuq il-bandalori u l-pavaljuni fil-toroq, tvarja minn suġġetti reliġjużi, li jkunu jirrapreżentaw xeni mill-ħajja tal-qaddis, jew xbihat ta' qaddisin u appostli għal dawk imsejħa allegoriji li huma xbihat ta' anġli jew puttini jerfgħu xi skudett jew simboli marbuta mal-qaddis/a jew il-martirju tiegħu/tagħha. Suġġetti oħra trattati huma avvenimenti mportanti fl-istorja tal-Parroċċa, tas-Soċjeta' jew tar-Raħal.

Ir-ritratti fil-paġna li jmiss juru stadji differenti li l-pittur isegwi sabiex joħloq il-pittura. Il-pittur, għalkemm iżomm f'moħħu dak li jkun jixtieq il-klijent, juża l-immaġinazzjoni tiegħu sabiex joħloq pittura oriġinali skont l-istil li jkun jadotta.

### Ir-restawr tal-pittura

Il-materjal li jintuża sabiex issir il-pittura jilgħab parti mportanti dwar kemm il-pittura tkun tiflaħ għall-elementi. Fi snin l-imgħoddija, kienet popolari ħafna iż-żebgħa taż-żejt fuq it-tila. Din it-teknika hija aktar adattata sabiex tintuża fuq pitturi li jinżammu ġewwa, dan għaliex il-materjal jifforma ċertu ħxuna li jwassal sabiex il-pittura tinqasam minħabba l-element tar-riħ. Fi snin aktar riċenti, minflok it-tila bdiet tintuża ix-xoqqa, li hija drapp b' materjal aktar ħafif u flessibli mit-tila. Kemm it-tila u anke ix-xoqqa jingħataw passati tal-ġibs sabiex jingħalqu l-pori tad-drapp.

Bħala alternattiva għaż-żebgħa taż-żejt, llum tintuża dik bbażata fuq l-ilma— acrylic, li hija aktar irqiqa u tiflaħ aktar għall-elementi. Dawn iż-żewġ materjali jagħmlu pittura biż-żebgħa acrylic fuq ix-xoqqa, waħda iktar addattata għal armar estern.

L-aħħar proċess li jsir wara li l-pittura tkun lesta hija li tingħata dik li tissejjaħ il-verniċetta, bħala protezzjoni sabiex iż-żebgħa u l-pittura jkunu ppreservati.



**Ritratti li juru l-istadji differenti tal-pittura: mill-*isketch* tagħha sal-aħħar irtokki qabel ma' teħel mad-drapp.**